**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 t'Awwissu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Jean Claude Cassar**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet tal-15 ta' Jannar 2024 - migjuba kontra:

Jean Claude Cassar ta' 29 sena, iben Joseph Cassar u Michelle xebba Gatt li twieled gewwa Pieta' nhar l-24 ta' Marzu 1994, residenza mhux maghrufa u detentur tal-karta ta' l-identita' 0178694M.

Akkuzat talli :

1. Ikkommetta serq ta' xorb u/jew oggetti ohra mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBD497 tal-ghamla Toyota LiteAce, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u

tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) li sar ghad-dannu ta' Sameh Ahmed Derbas u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix it-tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ghad-dannu ta' Sameh Ahmed Derbas u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai fini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. U finalment talli wettaq reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' Gunju 2023 mill-Magistrat Dr. Abigail Critien LLD, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti giet mitluba, sabiex f'kaz ta' htija tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-rigward illi l-hati jhallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sameh Ahmed Derbas billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 ta' Jannar 2024 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271(g), 278(1), (3), 279(a), 280(2) u 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-Artikoli 21 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fl-Artikoli 15A, 17, 18, 19, 20, 23, 23B, 28A(7)(b)(c), 31, 49, 50, 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-24 ta' Settembru 2023, Sameh Ahmed Derbas irraporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li l-gurnata ta' qabel fil-ghaxija kien ipparkja l-vann – li hu registrat f'isem il-mara tieghu - fi Triq Fra Diegu, Marsa quddiem l-ufficini tal-istabbiliment GO - u li xi hadd kien qala t-tieqa tal-vann. Gewwa l-vann kien hemm numru ta' xorb varju, billi Sameh Derbas juza dan il-vann biex ibiegh dan ix-xorb. Fil-hin li fih ghamel ir-rapport Sameh Derbas kien ghadu m'huwiex zgur jekk ittiehdux xi affarijiet mill-vann.

2. Il-Pulizija gabret il-filmati tas-CCTV mill-istabbiliment GO u mill-istabbiliment The Rig Gym fil-Marsa wkoll. Mill-filmati tal-istabbiliment GO jirrizulta li matul il-lejl bejn it-23 ta' Settembru 2023 u l-24 ta' Settembru 2023 jidher ragel qed jaqla' t-tieqa u jiehu il-kaxxi tax-xorb minn go fiha u jitlaq bihom. Mill-filmati ta' The Rig Gym jidher l-istess ragel jisgassa l-bieb ta' residenza numru 41 fi Triq il-Moll tal-Hatab il-Marsa u jpoggi l-kaxxi tax-xorb go din ir-residenza.

3. Ufficjali tal-Pulizija identifikaw il-persuna fil-filmati bhala l-imputat billi jafu bhala ragel li ma kellux residenza fejn joqghod u kien ikun hafna barra fl-inhawi tal-Marsa. Ghalhekk il-Pulizija kienu jarawh ta' spiss waqt ir-rondi taghhom fl-akwati, u gieli ukoll gie imwaqqaf mill-Pulizija.

4. Sameh Derbas ikkalkula li kien insteraqlu xorb fil-valur ta' bejn mitejn u hamsin (€250) u tlett mitt Euro (€300).

5. Ghaldaqstant ittiehdu dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-htija**

<u>*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq ikkwalfikat*</u>

7. Il-Prosekuzzjoni qed isejjes il-kaz taghha fuq dak li jirrizulta mill-filmati tac-CCTV u l-istills li gew mahruga minnhom. PS 1118 Joseph Bajada identifika lill-imputat minn dawn l-istills ghax kien jafu jiggerra fl-inhawi tal-Marsa. Id-difiza tissottometti li l-filmati m'humiex cari bizzejjed biex tigi identifikata l-persuna li tidher fil-filmati.

8. M'hemmx dubbju li l-istills fir-rapport tal-espert Donald Tabone m'humiex cari bizzejjed biex tigi identifikata xi persuna. Pero kif jghid l-espert Donald Tabone fix-xhieda tieghu, il-filmati innifishom u l-istills li ittiehdu minnhom u li gew esebiti f'pendrive minn PS 1118 Joseph Bajada, huma iktar cari. Il-magistrat sedenti rat dawn il-filmati u s-soft copy tal-stills personalment. Ghalkemm il-filmati li ittiehdu mill-istabbiliment tal-GO huma iktar cari, xorta ma kienx possibbli ghal din il-Qorti li tghid li l-persuna li tidher fil-filmati hija verament l-imputat, ghalkemm ghandha l-istess statura. Pero il-filmat mehud mill-istabbiliment The Rig Gym huwa mhux biss iktar car, imma fih jidher ir-ragel igorr il-kaxxi tax-xorb miexi mill-faccata, u wiccu jidher car. Il-Qorti tirriferi b'mod partikolari ghas-soft copy tal-istill mehuda fl-24 ta' Settembru 2024 fil-hin 2:32:50.[1] Minn din l-istill, din il-Qorti hija konvinta minn kull dubbju dettat mir-raguni li r-ragel li jidher f'dan l-istill huwa l-imputat.

[1] Hard copy ta' kwalita inferjuri ta' dan l-istill tinsab a fol. 200 tal-process.

9. Fil-filmati ta' The Rig Gym l-imputat liebes flipflops, shorts iswed u t-shirt iswed bl-istess disinn partikolari li huma simili hafna tal-flipflops u l-hwejjeg li huwa liebes ir-ragel fil-filmati tal-istabbiliment GO. Iz-zewg irgiel ghandhom ukoll l-istess statura. In oltre fil-filmati ta' The Rig Gym, l-imputat jidher igorr kaxxi tax-xorb simili hafna ghal dawk li qed johrog mill-vann ir-ragel fil-filmati tal-istabbiliment GO. Dawn is-somiljanzi kollha, kif ukoll il-fatt li l-hinijiet tal-filmati miz-zewg stabbilimenti jattaljaw ma' xulxin huma wisq sabiex jista' jinghad li dawn ic-cirkostanzi huma kollha sempliciment ko-incidenzi. Ghaldaqstant, il-Qorti hija wkoll konvinta lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li r-ragel li jidher jisraq il-kaxxi tax-xorb mill-vann fil-filmati tal-GO huwa l-imputat.

10. Id-difiza tissottometti li skond hi l-malvivent inqabad in flagrante, u allura wiehed jippretendi li r-res furtiva, cioe il-fliexken, kellhom jinstabu. Il-Qorti hija pjuttost perplessa b'din is-sottomissjoni. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-imputat inqabad in flagrante. Fil-fatt mir-rapport tal-Pulizija[2] jirrizulta li Sameh Derbas ghamel ir-rapport tieghu lill-Pulizija fl-24 ta' Settembru 2023 u l-Pulizija marru gewwa r-residenza li giet sgassata fid-29 ta' Settembru 2024, fejn ma sabux fliexken tax-xorb, u irnexxielhom jottjenu kopja tal-filmati mill-istabbiliment GO fis-6 t'Ottubru 2023. Victor Laiviera, ir-ragel ta' sid ir-residenza li giet sgassata, fil-fatt xehed li l-Pulizija gew jispezzjonaw il-fond xi jumejn wara li hu wahhal katnazz gdid mar-residenza.[3] Ghaldaqstant din is-sottomissjoni hija fattwalment infondata u legalment insostenibbli.

11. Id-difiza tilmenta wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda tentattiv sabiex jigu elevati xi impronti digitali minn fuq il-vettura. Effettivament fir-rapport tal-Pulizija jinghad li *"gie mibghut is-SOCO sabiex jaraw huwiex possibbli jittiehdu fingerprints."*[4] Pero l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud biex jghid jekk dan it-tentattiv sabiex jittiehdu impronti digitali kellux rizultat posittiv o meno. Ghalkemm kien ikun iktar desiderabbli kieku l-Prosekuzzjoni resqet tali xhieda, kif diga inghad mill-filmati ezebiti jirrizulta ampjament li l-persuna li ikkommettiet dan is-serq huwa l-imputat, u ghalhekk ma hemmx il-htiega tal-provi indizzjarja tal-impronti digitali sabiex tikkorrobara dan il-fatt.

---

[2] A fol. 19 tal-process.
[3] A fol. 211 tal-process.
[4] A fol. 19 tal-process.

12. Fix-xhieda tieghu Sameh Derbas qal li insterqulu s-segwenti xorb:[5]

- 12-il kaxxa tas-soft drinks Pepsi u Miranda li jixtrihom €14.50-il kaxxa = €174.00
- 10 kaxex juice li jixtrihom' €7.00-il kaxxa = €70[6]
- 6 kaxex juice tad-ditta Dragon li jixtrihom €8-il kaxxa = €48.00

Ghalhekk it-total tal-valur tax-xorb misruq huwa ta' €292.00.

13. Id-difiza issottomettiet ukoll li l-prova tal-valur hija wahda difettuza stante li mix-xhieda in kontro-ezami ta' Sameh Derbas jirrizulta li l-valur tal-fliexken ivarja minn supplier ghal iehor u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun certa mill-valur tal-fliexken, peress li hija zvestita mill-provenjenza tal-fliexken u dwar l-identita tas-supplier proprju.

14. Waqt ix-xhieda tieghu Sameh Derbas ezebixxa l-fatturi tad-diversi suppliers tieghu.[7] L-unika zewg prodotti li jirrizulta li huwa kien jixtri minghand zewg suppliers differenti huma l-kaxxi tal-Coca Cola u tal-Pepsi, li jidhru fil-fattura ta' Ahmed Abd El-Monem Hussein[8] u kif ukoll fil-fattura ta' Gusvend Service Ltd.[9] Fix-xhieda tieghu, Sameh Derbas ma semmiex li insterqulu fliexken tal-Coca Cola u ghalhekk il-Qorti se tikkoncentra fuq il-prezz tal-Pepsi. Mil-fattura ta' Ahmed Abd El-Monem Hussein jirrizulta li biegh il-kaxxi tal-Pepsi lil Sameh Derbas bil-prezz ta' €14.50-il kaxxa.[10] Mill-fattura ta' Gusvend Services Ltd jirrizulta li dan ibiegh il-kaxxi tal-Pepsi bil-prezz ta' €16.40-il kaxxa.[11] Fix-xhieda tieghu Sameh Derbas xehed li huwa xtara il-kaxxi tal-Pepsi bil-prezz ta' €14.50-il kaxxa u ghalhekk indika l-ammont l-izjed baxx – u l-izjed vantagguz ghall-imputat – miz-zewg prezzijiet li bihom kien jixtri dan il-prodott.

15. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li l-valur ta' €292.00 huwa wiehed reali u li gie debitament ippruvat. Dan apparti l-fatt li din il-Qorti, li kellha l-opportunita tisma' lil Sameh Derbas jixhed, hija moralment konvinta li dan ix-xhud qal il-verita u ma ippruvax japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni.

---

[5] A fol. 48-52 tal-process u Dok SAD1 a fol. 54 tal-process.
[6] Fix-xhieda tieghu Saleh Derbas qal li t-total huwa ta' €70.80 – li ovvjament ma hux total korrett.
[7] A fol. 55 – 58 tal-process.
[8] A fol. 55 tal-process.
[9] A fol. 58 tal-process.
[10] Mill-fattura jirrizulta li Saleh Derbas xtara hames kaxxi Miranda, hames kaxxi Coca Cola u hames kaxxi Pepsi bil-prezz globali ta' €217.50 – li jsarraf fl-ammont ta' €14.50-il kaxxa (€217.50 \ 15 = €14.50.
[11] Kaxxa Pepsi tiswa €11.8644 + VAT €2.1356 + BCRS Deposit Fee €2.40 = €16.40.

16. Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imptuazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur

*<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>*

17. It-tieni imputazzjoni hija ta' hsara volontarja ghad-dannu ta' Sameh Derbas.

18. Ghalkemm mill-filmati tac-CCTV jirrizulta li l-imputat l-ewwel prova jkisser il-hgiega tal-vann, eventwalment jirrizulta li huwa qala' l-hgiega tal-vann. Fix-xhieda tieghu, Sameh Derbas imkien ma jghid li huwa sofra xi hsara fil-vann in kwistjoni. Il-Prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda sottomissjonijiet fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni.

19. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata, u l-imputat ser jigi illiberat minnha.

*<u>It-Tielet Imputazzjoni – Ir-Recidiva</u>*

20. L-imputat gie moghti wkoll l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

21. L-Assistent Registratur tal-Qorti esebiet seba' (7) sentenzi kontra l-imputat.[12]

22. Id-difiza issottomettiet li l-identita tal-imputat ma gietx ippruvata kif suppost, ghaliex skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-Prosekuzzjoni kellha ittella' jixhed lill-ufficjal prosekutur li mexxa l-kaz kontra l-imputat f'dawk il-proceduri biex jikkonferma l-identita tieghu.

23. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza fl-24 ta' Frar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[13] irriteniet hekk:

[12] Ara Dok SCT1-8 a fol. 77 – 103 tal-process.
[13] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda* jew *minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*[14] (sottolinear ta' dik il-Qorti).

24. Minn dan l-insenjament jirrizulta car li jekk is-sentenzi esebiti ikun fihom il-konnotati mehtiega tal-imputat, ma hemmx htiega ta' xhieda ohra dwar l-identita tal-imputat, kif id-difiza qed tippretendi li kellu jsir. Fil-kaz odjern, fis-sentenzi esebiti kollha hemm indikat in-numru tal-karta tal-identita tal-imputat, u f'uhud minnhom konnotati ohra tieghu, u dawn il-konnotati, inkluz in-numru tal-karta tal-identita, jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern.

25. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li s-sentenza li ghaliha ghamlet riferenza d-difiza in sostenn tat-tezi taghha, u cioe s-sentenza **Il-Pulizija vs Mark Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[15] fil-25 t'Ottubru 2018, effettivament tabbracca l-insenjament tas-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** fuq citata.

26. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni tar-recidiva giet debitament ippruvata.

*Ir-Raba' Imputazzjoni - Ksur tal-Ordni ta' Probation*

27. L-imputat qed jigi mixli wkoll li kiser ordni ta' Probation moghti minn din il-Qorti diversament preseduta b'sentenza tat-23 ta' Gunju 2023, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

[14] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Abela** deciza fl-10 ta' Settembru 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) *per* Imhallef David Scicluna.
[15] *Per* Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

28. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll vera kopja ta’ din is-sentenza fejn il-konnotati tal-imputat f’dawk il-proceduri jaqblu ma’ dawk tal-imputat odjern.

29. Konsegwentement, anki din ir-raba’ imputazzjoni giet debitament ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

30. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa recidiv plurimu u fil-fatt ghandu tminn kundanni minn dawn il-Qrati, u s-sentenzi relattivi gew esebiti mill-Prosekuzzjoni. Huwa ghandu zewg kundanni ghal diversi serq ikkwalifikat minn vetturi, kundanna ghal serq semplici u ricetazzjoni, erba’ kundanni ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan u zewg kundanni ghal vjolenza domestika.

31. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu fosthom zewg ordnijiet ta’ probation – li wahda minnhom instab hati li kisirha, u l-ohra gie misjub hati li kisirha f’dawn il-proceduri – tlett sentenzi sospizi, u estensjoni ta’ sentenza sospiza. Pero jidher li l-imputat baqa’ ma tghallem xejn u baqa’ jippersisti fit-triq tal-kriminalita. Fil-fatt jirrizulta li huwa ikkommetta r-reati odjerni tlett xhur biss wara d-data tal-ahhar sentenza li poggietu taht ordni ta’ probation u ordni ta’ trattament ta’ tlett snin.

32. Minn din l-ahhar sentenza jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta’ tossikodipendenza li ghandu. Minflok indirizza din il-problema kif kien anke legalment obbligat li jaghmel, l-imputat spicca *homeless* jiggerra l-Marsa, u ikkommetta r-reati odjerni.

33. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-unika piena idonea ghall-imputat hija dik ta’ piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

(1) Issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

(2) Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271(g), 278(1),(3), 279(a), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati u ghalhekk hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) -il xahar prigunerija.

(3) In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tat-23 ta' Gunju 2023 maghmulha minn din il-Qorti diversament preseduta, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-Ordni ta' Probation maghmulha bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 251B(1), 251H(f), 251HA, 202(h)(ii) u (iii), 222(1), 214, 215, 339(1)(d), 338(dd), 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Jean Claude Cassar ghal perjodu ulterjuri ta' tlett (3) snin u nofs prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, il-hati ghandu jiskonta perjodu globali ta' hames (5) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

(4) Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€421.73) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(5) In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Sameh Ahmed Derbas l-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin Euro (€292.00) rapprezentanti l-valur tal-oggetti li gew misruqa lilu.

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**